MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 804/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt Joseph Agius)**
**vs**
**Manuel Desira**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Manuel Desira** ta' 72 sena, bin il-mejtin Nazzareno u Carmela nee' Cassar, mwieled Zejtun fit-3 ta' Marzu, 1932, residenti f'19, Triq Spirtu Santu, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 188432(M);

Talli fiz-Zejtun fit-23 ta' Settembru, 2004 ghall-habta ta' 14:00 hrs bla ordni skond il-Ligi ta' Awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti is-setgha lill-provat jarresta lill-hati, arresta zamm jew issekwestra lil mara tieghu u cioe' lil Angela Desira, anzjana ta' 72 sena kontra l-volonta taghha u heddidha bil-mewt.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Angela Desira kif iccertifikat Dr. J. Agius Muscat MD tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-24 ta' Settembru, 2004, sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 86, 87 (c) u 221 tal-Kap 9.

Rat l-fedina penali nadifa ta' l-imputat.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet l-obbligi ta' l-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------